8 ta' Ġunju, 1964

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Charles Zammit

*versus*

Godfrey Schembri Adami

**Imgħaxijiet ta' l-imgħaxijiet — Art. 1185 tal-Kodiċi Ċivili.**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-konvenut kellu jagħtih b'titolu ta' mutwu erbgħa mija u ħamsa u għoxrin lira (£425) u l-konvenut hu obbligat iħallas din is-somma skond erba' kambjalijiet (Dok. A, B, C, D) maħruġin in serie min-numru 1 sa numru 4 fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 1963, l-ewwel tlieta għal mitt lira (£100) kull waħda, u l-oħra għal mija u ħamsa u għoxrin lira (£125) bl-iskadenzi rispettivi tal-erbgħa (4) ta' Diċembru 1963, erbgħa (4) ta' Jannar, erbgħa (4) ta' Frar u erbgħa (4) ta' Marzu, 1964; u li l-interessi kummerċjali mid-data ta' kull skadenza rispettiva sat-tlettax (13) ta' Mejju 1964, jammontaw għal seba' liri dsatax il xelin u żewġ soldi (£7.19.2d); talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni — l-konvenut, għar-raġunijiet imsemmija, jiġi kundannat jħallsu s-somma komplessiva ta' erba' mija tnejn u tletin lira, dsatax-il xelin u żewġ soldi (£432.19.2d) bl-interessi ulterjuri mill-erbatax ta' Mejju 1964, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-

erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 1964.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi skond l-imsemmija kapitoli l-konvenut qiegħed jammetti li hu debitur ta' l-attur skond l-att taċ-ċitazzjoni, fejn l-attur imsemmi sija self li hu kien għamel lill-konvenut u anke l-fatt li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas skond il-kambjalijiet eżibiti. *Għal kull fini qed jiġi dikjarat li l-vera kawżali tad-domanda* attriċi qegħda titqies kostitwita mill-istess kambjalijiet mhux biss għaliex dawn jirradikaw il-kompetenza ta' dina l-Qorti iżda wkoll għaliex qiegħed jintalab l-imgħax mill-iskadenza ta' kull kambjala, kif soltu jsir meta tiġi eżerċitata l-azzjoni kambjarja, li fil-każ preżenti hija dik prinċipali; hu biżżejjed li tirriżulta kawżali waħda a bażi tat-talba;

Illi kwantu għal dana l-imgħax jiġi però osservat li l-attur somma kemm jilħaq fuq l-erba' kambjalijiet bil-mod riferit sat-tlettax (13) ta' Mejju 1964, biex imbagħad għaddhom mat-total *tal-istess* kambjalijiet, u talab li l-imgħax ulterjuri jibdew jgħoddu fuq dana t-total; dan ifisser li hu qed jiġi jitlob il-kapitalizzazzjoni ta' l-istess imgħax skaduti sad-data riferita tat-tlettax (13) ta' Mejju 1964. Dana però ma jistax isir peress li sa dina d-data m'għaddietx sena mill-iskadenza anke tal-kambjala li skadiet l-ewwel waħda u ċioè tista' għal dina t-talba l-kondizzjoni *rikjesta mill-Artiklu 1185 tal-Kodiċi Ċivili;* l-imgħax għalhekk wara d-data msemmija jrid ikun fuq erba' mija u ħamsa u għoxrin lira (£425) (total tal-erba' kambjalijiet) u mhux fuq erba' mija u tnejn u tletin lira, disa xelini u ħewġ soldi (£432.9.2d.) kif mitlub;

Għal dawna l-motivi, fil-kontumaċja tal-konvenut;

Tilqa' t-talba għall-ħlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn

u tletin lira, disatax-il xelin u żewġ soldi (£432.19.2d), kwantu għal erba' mija u ħamsa u għoxrin lira (£425) bħala kapital u kwantu għal seba' liri, dsatax-il xelin u żewġ soldi (£7.19.2d) bħala imgħax fuq l-istess kapital sat-tlettax (13) ta' Mejju 1964, salvi l-interessi ulterjuri fuq l-istess kapital ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin lira (£425) wara dina d-data. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.